MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 360/2014

**Green Dot Malta Limited**

**vs**

**L-Awtorita Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta Green Dot Malta Limited tat-28 ta' April 2014 fl-atti tal-kawza fl-istess mijisiet fejn intalab li l-Qorti tordna, u dan a bazi tal-artikolu 873(4) tal-Kap. 12, li l-Qorti tikkundanna lil Awtorita intimata tirrimedja ghal ksur tal-mandat ta' inibizzjoni mahrug kontriha fit-28 ta' Marzu 2011;

Is-socjeta rikorrenti talbet hekk:

a. Thassar u/jew temenda l-figuri kollha ta' Green MT Limited mid-dokumenti u records ufficjali tal-Awtorita limitatament fir-rigward ta' dak l-iskart tal-ippakkjar li gie rrappurtat lilha u rikonoxxut minnha li ingabar, li gie irkuprat jew li gie riciklat minn Green MT Limited fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010;

b. Titlob b'mod formali lil Green MT Limited sabiex thallasha lura fi zmien perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, il-hlasijiet kollha maghmula minnha lill-istess socjeta skond kif spjegat izjed il' fuq, jew fin-nuqqas, tibda u zzomm fis-sehh proceduri gudizzjarji kontra Green MT Limited sabiex jigi rexiss il-kuntratt fuq imsemmi u/jew tintalab u tinghata r-rifuzjoni tal-hlasijiet kollha maghmula minnha lill-istess socjeta skond kif spjegat izjed il' fuq,

U dana taht u salv kull provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa li timponi fic-cirkustanzi.

Is-socjeta intimata opponiet ghal din it-talba billi sostniet li ma sar ebda ksur mill-Awtorita tal-ordni tal-Qorti;

Iz-zewg partijiet ghamlu noti dwar il-kwistjoni;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet.

**Ikkunsidrat**

Jigi rilevat qabel xejn illi din it-talba tista’ timpingi fuq il-mertu tal-kawza li qed tinstema quddiem din il-Qorti u ghalhekk il-Qorti qed tippreciza illi dak li ser jinghad f’dan id-digriet bl-ebda mod ma ghandu jigi kostruit li hu opinjoni dwar l-ezitu tal-vertenza u illi kull kunsiderazzjoni li ser issir ser tkun limitata strattament ghal dak li jirrigwarda l-ordni tal-Qorti fil-hrug tal-mandat u l-allegazzjoni dwar il-ksur tieghu u dan minghajr ebda pregudizju ghal partijiet rigward il-mertu nnifsu li ghadu sub iudice.

Precizat dan, hu importanti li jigi precizat it-termini tal-ordni tal-Qorti fil-konfront tal-Awtorita interessata bil-hrug tal mandat ta' inibizzjoni ghal finijiet tal-Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations (Avviz Legali 277/2006) bhala l-Awtorita kompetenti li jghid hekk:

a. taccetta u/jew tiehu in konsiderazzjoni l-figuri ta' gbir, irkupru u/jew riciklagg tal-iskart ta' l-ippakkjar limitatament ghal dak li sar mis-socjeta Green Mt Limited (C42136) (u jew terzi persuni mqabbdin minnha) ghan-nom tal-membri taghha fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010, illi l-istess socjeta issottomettiet jew sejra tissottometti lill-awtorita intimata ai termini tal-artikolu 17(3)(b) u (c) tal-imsemrni regolamenti u,

b. taccetta u/jew tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija ta' konformita illi s-socjeta Green MT Limited (C42136) hija tenuta illi tissottometti lill-awtorita intimata sal-31 ta' Marzu 2011 ai termini tal-artikolu 17(3)(b) u (c) tal-istess regolamenti limitatament ghal dak li jirrigwarda l-irkupru u/jew riciklagg tal-iskart tal-ippakkjar li sar mill-istess socjeta (u jew terzi persuni mqabbdin minnha) ghan-nom tal-membri taghha fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' Gunju 2010;

Tali ordni saret b'referenza cara u diretta ta' dak mitlub fil-mandat cioe l-Avviz Legali 277 tal-2006 Waste Management (Packaging and Packaging Waste) Regulations bl-awtorita tal-ligi principali cioe Environment Protection Act (Kap. 435) u Product Safety Act (Kap. 427).

Il-Qorti tirrileva li dik il-ligi kienet tistabilixxi l-Awtorita kompetenti ghal finijiet tal-applikazzjoni taghha l-MEPA jew korp iehor li l-Ministru jista' jiddesinja ghal partijiet jew skopijiet differenti tar-regolament 277/2006.

Jirrizulta ghalhekk li bid-digriet tal-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, l-Awtorita intimata kienet f'dak iz-zmien kolpita bl-istess mandat bhala l-Awtorita kompetenti ghal finijiet taz-zamma mill-istess Awtorita li taccetta u tiehu in konsiderazzjoni dak effettivament inibita milli taghmel.

Di natura mandati kawtelatorji huma mezz biex kreditur jikkawtela dritt li ghadu mhux kanonizzat u ghalhekk irid jittiehed b'cirkospezizzjoni u kawtela kbira u l-mandat ghandu jigi miftiehem strettament fil-qies tal-ordni maghmula.

Jidher prima facie u dan mill-atti tal-istess kawza quddiem il-Qorti u x-xiehda ta' Victor Debrincat bhala segretarju tal-Eco Contribution Board Approving Body fil-Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change u iktar tard min Kevin Portelli bhala financial controller tal-MEPA illi inhargu flus mill-MEPA lil Green MT Limited bejn is-6 ta' Mejju 2011 u 28 ta' Gunju 2012 u dan kien jirreferi ghal excess waste recovered mill-istess Green MT Limited fl-2010.

Jirrizulta illi b'Avviz Legali 84/2010 saru l-Eco Contributions (Exemptions) Regulations 2010 b'effett mill-2009 u dan taht il-ligi principali Eco Contribution Act, Kap. 473 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Avviz Legali ta poter fost ohrajn lil approving body li japprova talbiet ghal-ezenzjoni, johrog certifikat ghal ezenzjoni mill-eco contribution u jaghti rifuzzjonijiet skond l-iskedi fl-istess regolamenti. Dan l-approving body hu kompost minn tlett membri, wiehed mill-MEPA, wiehed mill-Ministru responsabbli ghal Waste Management u wiehed mill-Ministeru tal-Finanzi.

Il-MEPA Board fil-5 ta' Mejju 2011 approva l-kostituzzjoni ta' Environment Fund amministrat mill-Eco Contribution Approving Body u l-ufficju tal-Prim Ministru ittrasferixxa €100,000 f'dan il-fond fl-4 ta' Mejju 2011. Jirrizulta li fl-istess jum l-Eco Contribution Approving Body approva l-ewwel trasferiment ta' €75,000 lil Green MT Limited biex ikopri parti mill-excess packaging waste taht l-iskema ghall-2010. Sussegwentement saru pagamenti ohra kollha mahruga mill-MEPA fuq ordnijiet diretti tal-permanent secretary jew l-ufficju tal-Prim Ministru mill-fond li kien qed jigi amministrat mill-MEPA.

Dak li jinteressa lil din il-Qorti f'dan l-istadju mhux il-mertu tal-azzjoni izda jekk il-hlasijiet li saru, sarux in vjolazzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni. Hi l-fehma tal-Qorti li strettament fil-parametri oggettivi  tal-mandat, l-Awtorita intimata ma kisret ebda ordni billi fl-ebda hin jew waqt ma jidher li l-Awtorita agixxiet in virtu tal-Avviz Legali 277/2006 izda agixxiet bhala l-enti li kellha f'idejha jew imqeghda a dispozizzjoni taghha mill-ufficju tal-Prim Ministru fost ohrajn,

fondi li setghu jinhargu fuq approvazzjoni ta' rifuzjoni ta' eco contribution, mill-Eco Contribution Approving Body maghmul taht ir-regolamenti 84/2010 u l-iskeda annessa, li ghalkemm l-Awtorita hi membru fih pero ma agixxietx in virtu tal-poteri moghtija bl-Avviz Legali 277/2006 u l-hlasijiet ma sarux a bazi ta' dak li jipprovdi l-istess Avviz Legali.

**Decide**

Ghalhekk minghajr ebda pregudizzju ghal mertu tal-azzjoni u in vista ta' dak ikkunsidrat, it-talba maghmula mis-socjeta rikorrenti biex jigi dikjarat ksur tal-mandat ta' inibizzjoni 271/2011 ma tistax tintlaqa'.

Spejjez ghas-socjeta rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------